# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(Agent President)**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 1 ta' Frar 2016**

**Numru**

**Rikors Numru 71/10 JRM**

**Anton Camilleri**

**v.**

**Avukat Generali**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dawn huma zewg appelli maghmulin, wiehed mir-rikorrenti u l-iehor mill-Avukat Generali rispettivament, minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, datata 22 ta' April 2015 li permezz taghha dik il-Qorti laqghet l-ewwel talba tar-rikorrent u sabet li l-mod kif tmexxa s-smigh tal-kawza tieghu quddiem il-Qorti tal-Magistrati gab dewmien

mhux misthoqq fil-ligi, u li l-imsemmi dewmien jissarraf fi ksur tal-jedd tieghu ghal smigh xieraq f'gheluq zmien ragonevoli skont l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni; laqghet it-tieni talba tar-rikorrent billi illikwidat id-danni morali ghal-lezjoni minnu mgarrba fis-somma ta' €3,000 u laqghet it-tielet talba billi ikkundannat lill-intimat ihallas lir-rikorrent dik is-somma bhala kumpens ghal tali lezjoni; u ordnat lill-intimat ihallas ukoll l-ispejjez tal-kawza.

## Is-Sentenza Appellata

2. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Illi din hija azzjoni dwar ksur ta' jedd fundamentali ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli b'riżultat ta' proċeduri kriminali li ntemmu bil-ħelsien tar-rikorrent wara bosta snin;
>
> "Illi għal din l-azzjoni, l-intimat laqa' billi qal li ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd fundamentali msemmi mir-rikorrent għaliex il-proċediment kontrih tmexxa kif imiss tant li l-istess rikorrent inħeles minn kull akkuża li saret kontrih. Żied jgħid li ma kien hemm xejn matul it-tmexxija tal-imsemmi proċediment li ma sarx skont il-liġi jew li sar jew tmexxa ħażin, filwaqt li huwa mexxa kontra r-rikorrent fuq il-bażi ta' indizji u suspetti raġonevoli, bħalma jiġri f'kull każ ieħor tax-xorta tiegħu. L-iskomdu mġarrab mir-rikorrent marbut mal-ħarsien tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien provviżorju tiegħu mill-arrest fuq xilja ta' reat serju ma tistax tkun ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq daqslikieku hu kien inżamm taħt arrest. Temm jgħid li, minħabba dawn ir-raġunijiet u oħrajn li jissemmew fit-trattazzjoni, l-Qorti jmissha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent;
>
> "Illi mill-atti tal-kawża joħorġu dawn il-fatti ewlenin rilevanti. Fid-9 ta' Mejju, 2004, inqala' inċident bejn ir-rikorrent u wieħed Saviour Manġion u li matulu ngħad li kienet sparata arma tan-nar. L-għada,

10 ta' Mejju, 2004[1], ir-rikorrent tressaq taħt arrest mill-Pulizija Eżekuttiva quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u kien mixli, fost oħrajn, bit-tentat qtil tal-istess Manġion u b'ġarr u sparar b'arma tan-nar f'post pubbliku. Dak inhar li tressaq huwa talab u ngħata l-ħelsien mill-arrest[2] b'ċerti kundizzjonijiet imposti mill-Qorti[3];

"Illi l-għada li seħħ l-inċident u xi ħin qabel tressaq quddiem il-Qorti, r-rikorrent kien ħalla stqarrija mal-Pulizija u għażel li jiffirmaha[4];

"Illi proċess verbal redatt minn Maġistrat Inkwirenti dwar l-imsemmi inċident ingħalaq fis-17 ta' Mejju, 2004, qabel ma kienu saru l-kostatazzjonijiet mill-esperti maħtura mill-istess Maġistrat u fuq talba tal-Kummissarju tal-Pulizija li talab li tingħalaq l-inkjesta u li l-każ jintbagħat għand Maġistrat ieħor[5], ladarba r-rikorrent kien laħaq tressaq b'arrest quddiem il-Qorti u mixli bir-reati msemmija aktar qabel;

"Illi l-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja ngħalqet fid-9 ta' Ġunju, 2004, wara li kienet instemgħet ix-xhieda tal-ispettur u tal-miżżewġin Manġion. L-Avukat Ġenerali reġa' irrinvija l-atti lill-Qorti Istruttorja fit-23 ta' Lulju, 2004, fejn dakinhar il-prosekuzzjoni tenniet li ma kellhiex provi oħrajn xi tressaq;

"Illi r-rikorrent ressaq għadd ta' rikorsi (l-ewwel fosthom saħansitra l-għada li ngħata l-ħelsien mill-arrest[6]) quddiem dik il-Qorti biex ikun jista' jsiefer minn Malta fuq xogħol marbut man-negozju tiegħu. Kull talba li saret (u fl-atti jinsabu xejn anqas minn għaxar (10) rikorsi bħal dan fuq medda ta' sena u tliet xhur) intlaqgħet u kif ukoll intlaqgħet it-talba tiegħu għall-bdil fil-kundizzjonijiet imposti fuqu meta ngħata l-ħelsien provviżorju mill-arrest[7]. Bis-saħħa ta' degriet mogħti minn dik il-Qorti fit-13 ta' Jannar, 2006[8], wara talba li għamel b'żewġ rikorsi kważi identiċi mressqa fit-12 ta' Jannar, 2006[9], tneħħielu l-obbligu li ta' kull darba li jkollu bżonn isiefer joqgħod jitlob il-permess b'rikors;

"Illi fl-4 ta' Frar, 2005[10], ir-rikorrent ressaq rikors biex jiġbed l-attenzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati dwar id-dewmien fl-għeluq tal-kumpilazzjoni u l-ħsara li dak id-dewmien kien qiegħed iġiblu fil-qadi tax-xogħol tiegħu u fit-tħejjija tad-difiża fil-każ li kien għaddej minnu;

"Illi l-kawża baqgħet tkun differita, għal raġuni jew oħra, sa Awwissu tal-2007, meta tressaq ir-rapport tal-espert forensiku l-Ispiżjar Mario

---

[1] Paġġ. 26 – 7 tal-proċess
[2] Paġ. 35 tal-proċess
[3] Paġġ. 36 – 9 tal-proċess
[4] Dok "SV1", f'paġġ. 63 – 6 tal-proċess
[5] Dok f'paġġ. 51 – 7 tal-proċess
[6] Dok f'paġ. 42 tal-proċess
[7] Degriet 3.12.2004, f'paġ. 103 tal-proċess
[8] Paġ. 203 tal-proċess
[9] Paġġ. 194 – 5 u 196 – 7 tal-proċess
[10] Dok f'paġ. 120 tal-proċess

Mifsud[11]. Ta' min jgħid li minkejja li dan l-espert jidher li nħatar sa mill-bidunett tal-proċediment mill-Maġistrat Inkwirenti, tali ħatra kienet formalment ratifikata biss fil-15 ta' Ġunju, 2007. Mill-provi ħareġ ukoll li, għalkemm l-istess espert kien regolarment jissejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti Inkwirenti tul iż-żmien kollu li damet miexja l-kumpilazzjoni kontra r-rikorrent, hu ma kien qatt ingħata l-kampjuni li ttieħdu mill-persuna u l-ħwejjeġ tar-rikorrent għall-eżami tal-*gunshot residue*. Mhux hekk biss, iżda bejn Frar tal-2005 u Ġunju tal-2006 kien deher fi tmien differimenti quddiem dik il-Qorti biex jgħarrafha li t-tagħmir li bih kienu jsiru t-testijiet kien bil-ħsara u kellu jinxtara tagħmir ieħor[12];

"Illi l-intimat Avukat Ġenerali ħareġ l-Att tal-Akkuża kontra r-rikorrent fid-29 ta' Frar, 2008[13]. Il-Qorti Kriminali qiegħdet il-kawża għas-smigħ u t-trattazzjoni tal-eċċezzjoni preliminari mqajma mir-rikorrent (akkużat) għad-9 ta' Ġunju, 2008[14]. Fis-smigħ tad-9 ta' Ġunju, 2008, wara li l-Prosekuzzjoni għamlet dikjarazzjoni dwar ix-xhieda milquta mill-eċċezzjoni preliminari, l-akkużat irtira l-eċċezzjoni preliminari[15];

"Illi l-ġuri kien imqiegħed għas-smigħ tal-10 ta' Mejju, 2010. B'nota mressqa fil-15 ta' Frar, 2010[16], l-akkużat għarraf lill-Qorti Kriminali li huwa kien għażel li l-każ tiegħu ma jinstemax minn ġuri magħżul, għall-finijiet tal-artikolu 436(6) tal-Kodiċi Kriminali;

"Illi l-kawża nstemgħet fuq medda ta' tlitt ijiem bejn l-10 ta' Mejju, 2010 u t-12 ta' Mejju, 2010, meta dakinhar ingħatat is-sentenza li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra sabet lill-akkużat mhux ħati tal-akkużi mressqa kontrih u ħelsitu minnhom[17];

"Illi fil-15 ta' Novembru, 2010, ir-rikorrent fetaħ din il-kawża;

"Illi għal dak li jirigwarda l-<u>aspetti legali marbuta mal-każ</u> il-Qorti tqis li l-ilment tar-rikorrent dwar il-ksur ta' jedd fundamentali li minnu jilmenta jinbena fuq id-dewmien li ħa l-każ tiegħu quddiem il-Qorti ta' kompetenza kriminali u wkoll għall-fatt li jisħaq li ma messu qatt inbeda każ kontrih meta kien jidher mill-ewwel li l-akkużi mressqa kontrih kienu għal kollox fiergħa u mibnija biss fuq stħajjil tal-miżżewġin Mangion. F'dan ir-rigward, jilminta bi ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq ukoll għall-fatt li l-Qorti Istruttorja ma messha qatt sabet li kienu rriżultaw elementi biżżejjed biex hu seta' jitqiegħed taħt att ta' akkuża. Ma' dan iżid jgħid li għal medda ta' snin kien suġġett għall-kundizzjonijiet tal-liberta' provviżorja, nfieq żejjed ta' spejjeż marbuta mal-proċeduri, l-iskomdu li ma setax isiefer meta meħtieġ bla

[11] Dok f'paġġ. 300 – 333 tal-proċess
[12] Paġġ. 122, 132, 161, 187, 203, 214, 217 u 220 tal-proċess
[13] Att tal-Akkuża 3/08, f'paġġ. 337 – 9 tal-proċess
[14] Dok f'paġ. 354 tal-proċess
[15] Dok f'paġ. 358 tal-proċess
[16] Dok f'paġ. 361 tal-proċess
[17] Dok f'paġġ. 395 sa 404 tal-proċess

ma jkollu joqgħod jitlob il-permess ta' qorti u, fuq kollox, l-ansjeta' li ġab miegħu il-fatt li kien mixli b'reati u l-effett li dan kollu ħalla fuqu wkoll fil-qasam tan-negozju tiegħu. F'dan kollu, huwa jilmenta minn ksur taħt l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni;

"Illi l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni fil-parti rilevanti għal din il-kawża jipprovdi li "*Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi*";

"Illi f'dan ir-rigward l-awturi jisħqu li "*the Court has more than once referred to 'the prominent place which the right to a fair trial holds in a democratic society within the meaning of the Convention', a consequence of which is that 'there can be no justification for interpreting article 6(1) of the Convention restrictively'*"[18];

"Illi ngħad ukoll b'awtorita` mill-ogħla Qrati tagħna li d-dispożizzjonijiet tal-imsemmi artikolu huma maħsuba biex jassiguraw il-ħarsien taż-żewġ prinċipji tal-ħaqq naturali tal-*audi alteram partem* u tan-*nemo judex in causam propriam*. Miżjuda ma' dan il-għan, u mhux minfloku jew bi ħsara għalih, hemm l-element tal-ħeffa raġonevoli tal-proċediment ta' kawża[19];

"Illi d-dritt għal smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli, madankollu, mhuwiex xi dritt illimitat, imma huwa regolat raġonevolment bil-proċedura li tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien[20]. Imma dan iġib miegħu wkoll li jekk il-proċedura tistabilixxi regoli biex bihom jitħaddem is-smigħ kif imiss tal-kawżi, in-nuqqas ta' tħaris tal-istess regoli a skapitu ta' xi parti għandu, fil-fehma meqjusa ta' din il-Qorti, iġib miegħu ċensura u jagħti lok għal rimedju, iżjed u iżjed jekk għan-nuqqas ta' tħaris imsemmi l-parti ma jkollha l-ebda sehem jew ħtija;

"Illi d-dritt fondamentali tal-individwu li jkollu l-kawża tiegħu mismugħa b'mod xieraq u fi żmien raġonevoli timponi fuq l-Istat li jħares id-Dritt li jassigura l-eżistenza u ż-żamma fis-seħħ ta' sistema effiċjenti ta' amministrazzjoni ta' ġustizzja. Dan jitnissel billi l-Istat jipprovdi strutturi, riżorsi u għodod li bihom il-Qrati jkunu jistgħu jwettqu xogħolhom kif imiss. B'żieda ma dan, ingħad ukoll li l-investigazzjoni ta' dewmien fis-smigħ ta' kawża m'għandhiex issir sempliċistikament fit-termini dojoq tal-kawża partikolari, imma f'termini ferm usa' li jħaddnu ċ-ċirkostanzi kollha li fihom dik il-Qorti tkun qegħda taħdem fiż-żmien relattiv[21];

[18] Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention on Human Rights (1995), paġ. 164
[19] Kost. **10.6.1966** fil-kawża fl-ismijiet ***Leone Misraħi et vs Rosaria Cassar et*** (mhix pubblikata)
[20] Kost. **27.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Brincat vs Il-Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.160**)
[21] Kost. **23.1.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Manduca vs Prim Ministru*** (Kollez. Vol:

"Illi b'danakollu, jekk minħabba l-inadekwatezza tal-istrutturi li tfasslu biex titħaddem il-makna tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja jbati bla ħtija ċ-ċittadin, l-Istat irid jagħmel tajjeb għal tali tbatija[22]. Għaliex kif qalet il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem f'għadd ta' kawżi, meta kienet qegħda tgħarbel l-implikazzjonijiet u l-implimentazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, "... *(that article) imposes on the Contracting States the duty to organise their judicial systems in such a way that the Courts can meet the requirments of this provision [**Salesi vs Italy** (26/2/1993)]. It wishes to reaffirm the importance of administering justice without delays which might prejudice its effectiveness and credibility [**Katte Klitsche de la Grange vs Italy** (27/10/1994)]*"[23]. Aktar riċentement, dik il-Qorti kienet f'qagħda li żżid tgħallem li "*whether or not the subject matter of the cases called for particular urgency in deciding them, ... it is for the Contracting States to organise their legal systems in such a way that their courts can guarantee the rights to everyone to obtain a final decision on disputes relating to civil rights and obligations within a reasonable time [**Horvat vs Croatia** (26/7/2001)]*"[24];

"Illi meta mbagħad ġie mistħarreġ l-aspett tar-raġonevolezza fit-tmexxija 'l quddiem tal-kawżi, dik il-Qorti kellha dan xi tgħid: "*reasonableness ... must be assessed in each case according to the particular circumstances. ... The Court has, for this purpose, had regard, inter alia, to the complexity of the case, and to the conduct of both the applicant and the competent authorities...*"[25] magħdud ma' dawn ukoll "*..the importance of what was at stake for the applicant in the litigation*"[26]. Ta' min jgħid li fil-qies tal-kriterju tar-raġonevolezza fil-mixi 'l quddiem ta' smigħ ta' kawża ta' indoli kriminali ma hemm l-ebda terminu assolut u ma hemm l-ebda fattur partikolari hawn fuq imsemmi li waħdu huwa determinanti. Iċ-ċirkostanzi kollha magħdudin flimkien b'effett kumulattiv għandhom ikunu bażi tajba biex jitqies il-kriterju tar-raġonevolezza fid-dewmien proċedurali[27];

"Illi dwar dewmien fis-smigħ ta' kawżi minħabba l-għadd kbir ta' kawżi li jkunu qegħdin jistennew is-smigħ, il-Qorti Ewropeja kellha dan xi tgħid: "*A temporary backlog of court business does not entail a Contracting State's international liability, if it takes appropriate*

---

**LXXIX.i.1** f'paġ. 23)

[22] P.A. Kost. **29.10.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Stephen Attard noe vs Il-Prim Imħallef Dr. Carmelo Schembri et*** (mhix pubblikata)

[23] Ara QEDB **28.7.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***A.P. vs Italja*** (Applik. Nru. 35265/97) § 18

[24] Ara QEDB **19.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Culjak vs Kroazja*** (Applik. Nru. 58115/00) § 63

[25] Ara QEDB **6.5.1981** fil-kawża fl-ismijiet ***Buchholz vs Ġermanja*** (Applik. Nru. 7759/77) § 49

[26] Ara QEDB **25.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Gast & Popp vs Ġermanja*** (Applik. Nru. 29357/95) § 70

[27] Kost. **12.2.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Said vs L-Avukat Ġenerali***

*remedial action with the requisite promptness [**Union Alimentaria Sanders vs Spain** (7/7/1989)]. However, according to the Court's established case-law, a chronic overload cannot justify an excessive length of proceedings*"[28]. F'dan il-kuntest jinsab mgħallem b'awtorita` wkoll li "*The Convention places a duty on the contracting parties, which applies regardless of cost, 'to organise their legal systems so as to allow the courts to comply with the requirements of Article 6(1)'. It follows that a State may be held liable not only for any delay in the handling of a particular case in the operation of a generally expeditious system for the administration of justice, but also for a failure to increase resources in response to a backlog of cases and for structural deficiencies in its system of justice that causes delay*"[29];

"Illi hu meqjus li l-ħtieġa ta' smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli fil-każ ta' proċedura kriminali fl-artikolu 6 tal-konvenzjoni "*is to guarantee that within a reasonable time, and by means of a judicial decision, an end is put to the insecurity into which a person finds himself as to his civil-law position or on account of a criminal charge against him; in the interest of the person in question as well as of legal certainty. This rationale entails that the provision also applies in cases where there is no question of detention on remand*"[30];

"Illi għalhekk il-ħtieġa ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, taħt il-Konvenzjoni tinbena fuq il-fatt li (a) id-dewmien iqiegħed fil-periklu l-effettivita` u l-kredibilta` tal-ġustizzja; (b) il-ħtieġa li l-persuna mixlija tingħata l-opportunita' ta' difiza xierqa w effettiva tant li jingħad li "*the right to a speedy trial has traditionally been perceived as protecting two basic rights of the accused. First the accused should not for an unduly long period remain in a state of uncertainty about his fate or be subjected to a series of disabilities normally associated with the initiation of criminal proceedings. Secondly speedy proceedings are designed to safeguard the right of the accused to mount an effective defence; the passage of time may result in the loss of exculpatory evidence*"[31]; (ċ) d-dewmien joħloq fil-persuna mixlija li titħalla hekk għal żmien twil stat ta' incertezza fuq il-verdett tal-innoċenza jew il-ħtija tagħha u fuq x'sejjer ikun id-destin tagħha; u (d) d-dewmien ta' proċeduri kriminali għandu effett negattiv fuq il-fama tal-persuna mixlija;

"Illi dwar kif titkejjel ir-raġonevolezza taż-żmien fil-każ ta' proċeduri kriminali, huwa meqjus li ġeneralment dan iż-żmien jibda jgħodd ("*dies a quo*") mill-waqt li l-persuna ssir taf x'inhi l-akkuża li qiegħda ssir kontra tagħha, għaliex hu minn tali waqt li jibda l-interess tagħha li l-

---

[28] Ara QEDB **01.07.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Pammel & Probsteiner vs Ġermanja*** (Applik. Nru. 17820/91) § 69

[29] Harris, O'Boyle & Warbrick, *op. cit.,* paġ. 227

[30] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory & Practice of the European Convention on Human Rights (4th Edit, 2006), pg. 602 – 3

[31] Stephanos Stavros **–** The guarantees for Accused Persons under Article 6 of the European Convention on Human Rights – paġ 77

akkuża tkun determinata u maqtugħa. Dan ifisser li mhux tabilfors li ż-żmien jibda minn x'ħin il-persuna tkun mixlija formalment, iżda jista' jibda minn x'ħin il-persuna tkun mgħarrfa li qiegħda taħt stħarriġ u li tkun qiegħda tinżamm taħt arrest preventiv minħabba dak l-istħarriġ sakemm issir l-għażla jekk titressaqx mixlija formalment quddiem Qorti[32]. Dak iż-żmien jibqa' jitkejjel sakemm ("*dies ad quem*") iż-żmien tal-inċertezza maħluqa bil-pendenza tal-proċedura jkun intemm. Dan iseħħ jew mal-għoti tas-sentenza li tkun jew mal-għeluq taż-żmien li minnha seta' sar appell[33];

"Illi kif ingħad qabel, ir-raġonevolezza taż-żmien meħud fis-smigħ ta' kawża ma titkejjilx biss bit-tul u lanqas fl-astratt, imma trid titqies fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Madankollu, jingħad li "*although consistently acting on the basis that each case must be considered on its facts, so that there is no objective limit to the length of time that can be taken, in all cases which have taken over eight years or more, the Court has in fact always found a breach of Art. 6 (1)*"[34];

"Illi l-Qorti issa sejra tqis jekk kemm-il darba fil-każ li għandha quddiemha **kienx hemm tassew ksur tar-regola taż-żmien raġonevoli** fid-dawl tal-kriterji li ssemmew aktar qabel. Jibda biex jingħad li l-proċess kollu kontra r-rikorrent beda fl-għaxra ta' Mejju tal-2004 u s-sentenza li temmet il-proċess kollu ngħatat fit-12 ta' Mejju tal-2010 jiġifieri sitt snin u jumejn. Il-fatt waħdu li s-sentenza ħelset lir-rikorrent minn kull xilja ma jġibx li l-proċess kien wieħed fieragħ jew li sar b'mod vessatorju. Minn dak iż-żmien, il-ġbir tal-provi dam sejjer sa Awwissu tal-2007, għalkemm hawn ukoll kien hemm bosta differimenti li fihom, għal ħaġa jew għal oħra, ma kien sar xejn. Ħareġ ukoll li, matul dak iż-żmien, minbarra l-kwestjoni tar-regolarita' tal-ħatra tal-espert forensiku, kien hemm żmien twil fejn it-tagħmir li fuqu kellhom isiru l-eżamijiet tal-*gunshot residue* ma kienx qed jaħdem. Min-naħa l-oħra, sal-2006, ir-rikorrent kien talab u ngħata bdil aktar favorevoli tal-kundizzjonijiet tiegħu għall-ħelsien mill-arrest u kif ukoll dwar il-proċeduri li kienu ntalbu biex hu jkun jista' jħalli Malta fuq safar minn żmien għal żmien b'rabta man-negozju tiegħu;

"Illi jidher li biċċa sewwa miż-żmien li ttieħed minħabba kwestjonijiet ta' natura proċedurali. Kemm hu hekk, ftit kien l-għadd ta' xhieda effettivi li nstemgħu fit-tliet snin u fuqhom li l-każ kien qiegħed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja. Kif ingħad qabel, il-biċċa l-kbira tar-rinviji li saru mill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali kienu marbuta mat-tressiq tax-xhieda tal-esperti maħtura mill-Maġistrat Inkwirenti. Matul iż-żmien kollu li l-każ kien qed jistema' quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, għadda minn idejn tliet ġudikanti differenti;

[32] QEDB **25.2.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Dobbertin vs Franza*** (Applik. Nru. 13089/87) §§ 9 u 38
[33] QEDB **19.2.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Angelucci vs Italja*** (Applik. Nru. 12666/87) § 15
[34] Harris, O'Boyle & Warbrick, *op. cit.,* paġ. 228

"Illi ma jistax jingħad li kien hemm dewmien jew tnikkir fil-proċediment quddiem il-Qorti Kriminali wara li ħareġ l-Att tal-Akkuża. Minbarra li kien hemm smigħ minħabba eċċezzjoni preliminari mqajma mill-akkużat (li kienet ċeduta mal-ewwel smigħ), il-ġuri nżamm u nstema' malajr u s-sentenza ngħatat dakinhar stess (madwar tliet sigħat wara li saru l-aħħar sottomissjonijiet mid-difensuri tal-partijiet);

"Illi fil-qafas tal-proċediment li tressaq quddiemha din il-Qorti tifhem li r-rikorrent ma kellu l-ebda ħtija jew sehem u ma jistax jitgħabba b'dawn in-nuqqasijiet proċedurali għax ma ntweriex li kien hu li induċihom. Mhux hekk biss, imma minħabba li l-ħtieġa tal-prova xjentifika kienet il-fus tal-każ kollu u tas-saħħa tax-xiljiet li saru kontrih, il-prova xjentifika kienet kruċjali għad-difiża tar-rikorrent u d-dewmien fid-determinazzjoni tagħha kienet xkiel għall-aħjar difiża li seta' jħejji fl-istess każ. Fil-fehma tal-Qorti, dan kollu jfisser li dawn in-nuqqasijiet jaqgħu fil-parametri tal-imġiba tal-awtoritajiet kompetenti u li għaliha jridu jwieġbu huma;

"Illi kien sewwasew minħabba dan l-aspett li l-proċediment quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja ddewwem u twal aktar minn dak li kien mistenni jew mixtieq. F'ċirkostanza bħal din, u minkejja r-raġunijiet li jistgħu jinġiebu 'l quddiem, id-dewmien fl-għeluq tal-proċediment (aktar u aktar proċediment ta' sura kriminali) iwassal għal ksur tal-jedd li l-każ jinstema' fi żmien raġonevoli[35];

"Illi dwar l-aspett tal-komplessita` tal-każ, il-Qorti ssib li l-każ ma kienx wieħed kompless. Ix-xiljiet kienu ċari fil-qafas ta' episodju ta' inċident wieħed li l-Qorti Kriminali mill-ewwel rat li kien il-frott ta' mġiba żbaljata tal-preżunt vittma li deherlu li kellu jieħu rajh f'idejh fi kwestjoni ta' natura ċivili marbuta ma' negozju li sar bejnu u r-rikorrent dwar bejgħ ta' remissa, minflok ma ħalla li jitmexxa b'pariri legali. Kemm hu hekk, jidher li, sa żmien twil qabel ma ġie biex jibda jinstema' l-ġuri, kien saħansitra ntlaħaq ftehim bejn Manġion u r-rikorrent li bih tal-ewwel kien irrinunzja wkoll (safejn kienu rinunzjabbli) għall-azzjoni kriminali kontra r-rikorrent[36]. L-għadd ta' xhieda li tressqu wkoll kien wieħed żgħir. Kien hemm l-aspett tas-sehem tal-parti ċivili fil-kawża. Iżda b'dan kollu, ma jidhirx li l-każ kien wieħed kompless jew li ikkomplika ruħu b'xi mod minħabba l-imsemmija *parte civile*;

"Illi l-intimat jisħaq li, għall-mod kif tmexxew il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, dejjem tħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent għal smigħ xieraq u l-każ instema' regolarment u bla tidwir żejjed. Jgħid li kull talba li saret mir-rikorrent intlaqgħet u li qatt ma nżamm milli jibqa' jmexxi n-negozju tiegħu bla xkiel. Jissottometti li l-kwestjoni tal-ħsara

---

[35] Kost. **3.10.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Daniel Alexander Holmes vs Avukat Ġenerali et***; u P.A. (Kost) TM **16.1.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Samuel Onyeabor vs Avukat Ġenerali*** (appellata)
[36] Ara Dok "JR1", f'paġġ. 345 – 6 tal-proċess

fit-tagħmir li kien meħtieġ biex jinħarġu l-konklużjonijiet tar-rapport tal-espert forensiku ma jaħtix għalihom hu (jiġifieri l-intimat) u lanqas il-Qorti. Il-Qorti tqis li jekk huwa tabilħaqq minnu li ħsara fit-tagħmir ma tweġibx għaliha u la l-Qorti u lanqas l-Avukat Ġenerali, madankollu l-Istat ma jistax ifarfar minn fuqu r-responsabbilta' li jara, kif ingħad qabel, li t-tmexxija tal-kawżi tkun garantita billi wieħed jara li l-Qrati jingħatawlhom l-istrutturi meħtieġa biex jistgħu jwettqu xogħolhom sewwa u kif imiss. F'din il-kawża, sehem l-intimat mhuwiex biss dak marbut mat-tmexxija tal-każ kontra r-rikorrent, iżda wkoll bħala rappreżentant tal-Istat li kontra tiegħu l-istess rikorrent iressaq l-ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali;

"Illi dwar l-imġiba tar-rikorrent innifsu tul il-medda taż-żmien li l-każ dam jitmexxa, l-intimat lejalment ma jqanqal l-ebda attribuzzjoni. Qari xieraq tal-atti rilevanti wkoll tixhed illi r-rikorrent ma tawwal bl-ebda mod il-proċeduri u l-Qorti, wara li fliet sewwa l-provi mressqa u qieset il-kronoloġija tal-fatti, ma ssibx li r-rikorrent kien b'xi mod ikkontribwixxa biex twal iż-żmien li ħadet il-kawża tiegħu. Min-naħa l-oħra, filwaqt li s-sehem tal-parti akkużata fil-kejl tad-dewmien ta' proċeduri kriminali jista' jkun rilevanti biex wieħed iqis jekk kienx hemm kontributorjeta' min-naħa tagħha, il-liġi ma tistenniex li l-istess akkużat jikkollabora attivament fil-proċedura li tista' twassal għas-sejbien tal-ħtija tiegħu[37] u lanqas ma għandu jkun kastigat li nqeda bir-rimedji kollha li tagħtih il-liġi[38];

"Illi, meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, il-Qorti tasal għall-fehma li, fil-każ konkret, kien hemm ksur tar-rekwiżit tas-smigħ xieraq f'għeluq żmien raġonevoli minħabba d-dewmien, u għalhekk l-ewwel talba tar-rikorrent sejra tintlaqa';

"Illi **dwar ir-rimedju mitlub** mir-rikorrent, il-Qorti tinnota li din il-kawża nfetħet wara li kienu ntemmu l-proċeduri kriminali. Bis-sentenza mogħtija, ir-rikorrent kien inħeles minn kull akkuża. La l-Kostituzzjoni u lanqas il-Konvenzjoni ma jfissru x'imisshom ikunu l-effetti ta' proċedimenti kriminali meta jinstab ksur tal-element tas-smigħ xieraq fi żmien raġonevoli. Xi kittieba juru l-fehma li "*It would seem to ensue from this provision that, if the reasonable time has been exceeded and, consequently, the determination can no longer be made within a reasonable time, the proceedings would have to be stopped and the civil action and the criminal charge be declared inadmissible. However, in the Strasbourg case law a more flexible view has been adopted: 'an excessive length of criminal proceedings can in principle be compensated for by measures of the domestic authorities, including in particular a reduction of the sentence on account of the length of procedure'. ... in criminal procedures the public interest in the prosecution and conviction of the criminal may be so great that the prosecution should not be stopped for the sole reason that the*

[37] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *op. cit.,* paġ. 607
[38] Kost. **3.2.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Said et vs L-Avukat Ġenerali***

*reasonable time has been transgressed: another, more proportionate compensation should be awarded to the victim of the transgression*"[39];

"Illi, fil-każ tal-lum, ir-rikorrent għal raġunijiet ovvji mhux qiegħed jitlob it-tħassir tas-sentenza mogħtija fir-rigward tiegħu. Ir-rikorrent qiegħed jippretendi ħlas ta' kumpens xieraq;

"Illi dwar il-kwestjoni tal-kumpens li jitħallas f'każ ta' sejbien ta' ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, jibda biex jingħad li l-għoti ta' kumpens huwa fakultativ[40], għaliex dikjarazzjoni li seħħ ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq waħedha tista' sservi sakemm rimedju bħal dak jista' jitqies bħala wieħed effettiv u effikaċi li jiżgura lill-parti mġarrba r-*restitutio in integrum* tal-jeddijiet tagħha[41]. Min-naħa l-oħra, jekk kemm-il darba l-Qorti tqis li jkun xieraq li tagħti lill-persuna mġarrba xi sura ta' kumpens dan m'għandux ikun eżerċizzju ta' komputazzjoni ta' danni bħalma jsir, per eżempju, fi proċess ċivili normali. Ingħad mill-Qrati tagħna li "*kawża kostituzzjonali għal dikjarazzjoni ta' leżjoni ta' dritt fondamentali m'għandhiex tiġi konvertita f'kawża għal danni akwiljani. Meta jiġi riskontrat dewmien skont l-artikolu 6, ir-rimedju għandu jkun, bħala regola, kumpens konsistenti f'danni morali li jkunu jirrispekkjaw id-dewmien inġustifikat, u dan indipendentement min-natura tal-kawża jew il-valur tal-proprjeta' in kontestazzjoni, u bla preġudizzju għad-danni materjali ossija reali li dak id-dewmien seta' effettivament ikkawża*"[42];

"Illi fil-każ tal-lum ir-rikorrent ressaq prospett maħluf li fih fisser kemm qiegħed jippretendi kumpens bħala rimedju għall-ksur ta' jedd fundamentali li minnu jilminta. Huwa fassal tali prospett fuq il-qligħ taż-żewġ kumpanniji tiegħu tul il-medda tas-snin li fihom dam miexi l-każ tiegħu quddiem il-Qrati. Dawn, imbagħad, għadda biex qasamhom fuq għadd ta' sigħat li ġabu medja ta' kumpens mitlub ta' erba' mija u tmienja u sittin euro (€ 468) kull siegħa;

"Illi l-Qorti jidhrilha li fuq il-bażi ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-pretensjoni tar-rikorrent ma tistax tintlaqa'. Fl-ewwel lok, kif tajjeb jissottometti l-intimat, ir-rikorrent ma twaqqaf fl-ebda ħin milli jkompli n-negozju tiegħu tul iż-żmien kollu li damet miexja l-kawża tiegħu. Fit-tieni lok, il-prospett jidher li nħadem fuq qligħ reġistrat minn żewġ kumpanniji tal-istess rikorrent. Jekk inhu hekk, dan ifisser li, bil-proċeduri u mingħajrhom, ir-rikorrent baqa' għaddej b'saħħtu fin-negozju tiegħu u tant mar tajjeb li, sena wara l-oħra, irreġistra qligħ. Fit-tielet lok, ir-rikorrent naqas li jfisser kif il-qligħ ta' żewġ kumpanniji (persuni legali distinti minnu) jissarraf fi kriterju tal-ħsara psikoloġika u l-isem ħażin li huwa jgħid li waqgħu fuqu minħabba l-proċeduri

---

[39] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *op. cit.* paġ. 611
[40] K. Reid <u>A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights</u> (3rd Edit, 2007) § III-001, paġ. 603 – 4
[41] Kost. **11.8.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***John Buġeja vs L-Avukat Ġenerali et***
[42] Kost. **3.2.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Gasan Enterprises Limited vs Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar***

kriminali mnedijin kontrih;

"Illi għalhekk, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet u wara li qieset il-kriterji mħaddmin mill-Qorti ta' Strasbourg u mill-Qrati tagħna[43], hija tasal għall-fehma li għall-ksur tal-jedd imġarrab mir-rikorrenti ma tgħoddx biss id-dikjarazzjoni tal-ksur iżda lanqas għandha ssir likwidazzjoni ta' danni kif isir fi proċediment ordinarju f'azzjoni għad-danni. Issib li jkun rimedju xieraq jekk ir-rikorrent jingħata kumpens morali. Meta qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, il-Qorti waslet għall-fehma li dan il-kumpens għandu jkun ħlas fis-somma ta' tlitt elef (€ 3,000) li l-intimat irid jagħmel tajjeb għalihom fil-kwalita' tiegħu ta' leġittimu rappreżentant tal-Istat;

"Illi għalhekk, il-Qorti sejra tilqa' t-tieni u t-tielet talbiet billi tordna lill-intimat iħallas lir-rikorrent is-somma msemmija bħala kumpens morali;"

L-Appelli

3. Ir-rikorrent appella minn din is-sentenza b'rikors tal-11 ta' Mejju 2015 li ghalih l-Avukat Generali wiegeb fit-22 ta' Mejju 2015, filwaqt li l-Avukat Generali appella minn din is-sentenza permezz ta' rikors tat-12 ta' Mejju 2015 li ghalih ir-rikorrent wiegeb fl-10 ta' Gunju 2015.

4. L-aggravji mressqa mir-rikorrent huma li, minkejja li l-Qorti sabet li hu kien sofra minn lezjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu, (1) ma tatux rimedju ghall-hsarat effettivi li saru u (2) l-kumpens likwidat bhala kumpens ghal danni morali kien ammont irrizorju li ma jirriflettix is-sofferenza u t-trauma li ghadda minnhom.

---

[43] Ara, per eżempju, P.A. (Kost) GV **27.2.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Henry Cassar vs L-Avukat Ġenerali*** u Kost. **12.2.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Said vs L-Avukat Ġenerali***

5. Ghaldaqstant qed jitlob li din il-Qorti thassar is-sentenza appellata in kwantu illikwidat id-danni morali fl-ammont ta' €3,000 u wkoll in kwantu sabet li r-rikorrent ma sofra l-ebda dannu materjali u, minflok, tillikwida l-kumpens xieraq biex jaghmel tajjeb ghal ksur imgarrab minnu u ghat-tbatija li huwa ghadda minnha u ghad-danni kollha konsegwenzjali, filwaqt li tikkonferma s-sentenza ghall-bqija, bl-ispejjez kontra l-intimati.

6. Min-naha tieghu l-intimat, ghar-ragunijiet imressqa minnu fir-risposta tieghu, qed jitlob li l-appell tar-rikorrent jigi michud.

7. L-aggravji mressqa mill-Avukat Generali huma: (1) illi ma kienx hemm ksur tal-jedd ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli u, (2) f'kull kaz l-ewwel Qorti ma messhiex ordnat il-hlas ta' danni morali fl-ammont ta' €3,000.

8. Ghaldaqstant qed jitlob li din il-Qorti thassar is-sentenza appellata fejn sabet ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrent ghal smigh xieraq u wkoll fejn ordnat lill-intimat li bhala rimedju jhallas lir-rikorrent is-somma fuq indikata u, minflok, tilqa' l-appell tieghu u tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

9. Min-naha tieghu r-rikorrent, ghar-ragunijiet imressqa minnu fir-

risposta tieghu, qed jitlob li l-appell tal-intimat jigi respint.

L-Appell tar-rikorrent

*"Hsarat Effettivi"*

10. Permezz tal-ewwel aggravju, l-appellant jissottometti illi r-rimedju u l-kumpens ghandu jkun marbut mal-gravita` tal-vjolazzjoni. Huwa jikkwota l-kaz **McFarlane v. Ireland** u jissenjala s-segwenti fatturi li kkagunaw dewmien u hsara lilu. Dawn huma: li huwa kien akkuzat b'tentat omicidju volontarju; li r-reat allegatament sehh fid-9 ta' Mejju 2004, tressaq fl-10 ta' Mejju 2004 u gie skagjonat fit-12 ta' Mejju 2010, sitt snin wara; li huwa ghamel xi hamest ijiem taht arrest, tressaq il-Qorti b'arrest u inghata l-liberta` provvizorja b'diversi kundizzjonijiet, fosthom illi jirraporta fl-ghassa kuljum, u ma setax isiefer; li dawn il-kundizzjonijiet baqghu imposti tul is-sitt snin, hlief li fl-1 ta' Dicembru 2004 inghata l-fakolta` li jiffirma darba fil-gimgha u f'Jannar 2006 inghata l-fakolta` li jsiefer basta jinforma lill-ufficjal prosekutur u jkun ta garanzija idoneja; li l-fatt li l-proceduri damu sitt snin huwa unikament imputabbli lill-intimat ghal numru ta' ragunijiet, fosthom, li l-kawza damet tliet snin ghar-rapport forensiku; li kien hemm perjodu ta' kwazi sentejn fejn kien qieghed jistenna l-kaz tieghu jigi appuntat quddiem guri; li, skont hu, xahar kien zmien bizzejjed sabiex jinstemghu il-provi; li l-kawza ma

kinitx wahda kumplessa; li kellu jsofri d-dewmien minkejja li hu kien offra soluzzjonijiet prattici inkluz li jhallas provvizorjament ghat-testijiet forensici; li ghandu kondotta nadifa, huwa kuntrattur ben maghruf u ghalhekk il-proceduri mhux biss kienu trawma ghalih, izda fixkluh fin-negozju tieghu.

11. Dwar id-danni reali sofferti minnu jghid, fost affarijet ohra, illi l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni illi huwa xorta baqa' ghaddej b'sahhtu fin-negozju tieghu. Jghid li d-domanda li kellha ssir ma hijiex jekk l-esponenti rnexxilux igib in-negozju tieghu 'l quddiem minkejja t-trawma li kien qed jghaddi minnha izda jekk il-proceduri kriminali li ttiehdu kontra tieghu kellhomx effett jew le fuq in-negozju tieghu, cioe` jekk kienx imur ahjar kieku ma kienx ghal dawn il-proceduri. Jghid li meta jitqies il-fatt illi huwa ghamel hamest ijiem imsakkar, kellu jmur jiffirma kuljum, tilef hin fil-proceduri l-Qorti u ghand l-avukat u l-inkwiet psikologiku tul sitt snin shah, ghandu jirrizulta li l-kalkolu tieghu ta' 1400 siegha mitlufa huwa kalkolu realistiku u gust. Id-dannu ekonomiku tieghu jikkonsisti kemm fi zmien mitluf f'inkwiet inutili kif ukoll fit-ticpis ta' ismu b'akkuzi serjissimi.

12. Dwar il-kawza ghad-danni istitwita mir-rikorrent quddiem il-qrati ordinarji jghid li din qieghda fl-appell, izda fl-ewwel istanza spiccat b'sentenza li l-azzjoni kienet preskritta – effett dirett u konsegwenza

logika taz-zmien irragonevoli li hadet il-kawza kriminali kontra tieghu.

*Danni Morali*

13. In mertu r-rikorrent jghid li anke jekk il-Qorti tiddeciedi li taghti kumpens morali wahdu, dan ghandu jkun wiehed ekwu u realistiku. Tlett elef Euro ma jista' qatt ikun kumpens xieraq. Ghandu jkun hemm xi forma ta' rabta mal-estent ta' ugigh soffert minnu.

14. Fir-risposta tieghu, l-Avukat Generali wiegeb, fost affarijiet ohra, li huwa jaqbel mas-segwenti osservazzjonijiet tal-ewwel Qorti:

> "Ta' min jghid li fil-qies tal-kriterju tar-raġonevolezza fil-mixi 'l quddiem ta' smigh ta' kawża ta' indoli kriminali ma hemm l-ebda terminu assolut u ma hemm l-ebda fattur partikolari hawn fuq imsemmi li wahdu huwa determinanti. Iċ-ċirkostanzi kollha maghdudin flimkien b'effett kumulattiv ghandhom ikunu bażi tajba biex jitqies il-kriterju tar-raġonevolezza fid-dewmien proċedurali.
>
> "Illi ma jistax jinghad li kien hemm dewmien jew tnikkir fil-proċediment quddiem il-Qorti Kriminali wara li hareġ l-Att tal-Akkuża. Minbarra li kien hemm smigh minhabba eċċezzjoni preliminari mqajma mill-akkużat (li kienet ċeduta mal-ewwel smigh), il-ġuri nżamm u nstema' malajr u ssentenza nghatat dakinhar stess (madwar tliet sighat wara li saru l-ahhar sottomissjonijiet mid-difensuri tal-partijiet)." [44]

15. Jghid ukoll li hu principju assodat fil-gurisprudenza taghna li ksur ta' jedd fundamentali ma jissarrafx f'likwidazzjoni ta' danni kif isir fil-procediment ordinarju f'azzjoni ghad-danni. Ikkwota mbaghad siltiet

[44]Kost. 12.2.2010 fil-kawża fl-ismijiet Francis Said v. L-Avukat Ġenerali

mill-konsiderazzjonijiet tal-Qorti li wassluha sabiex ma tilqax it-talba tar-rikorrent ghad-danni materjali.

L-Appell tal-Intimat

*Ksur tal-jedd taht Artikolu 6*

16. Bl-ewwel aggravju tieghu l-intimat jilmenta illi l-ewwel Qorti ma messhiex sabet ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Jghid li l-ewwel Qorti ma tatx id-debita konsiderazzjoni lis-sottomissjonijiet tieghu u ghamlet apprezzament hazin tal-fatti konnessi mal-proceduri penali.

17. Jikkwota diversi sentenzi ta' dawn il-qrati dwar dewmien irragjonevoli u jghid li d-dewmien kien attribwibbli ukoll lir-rikorrent, stante illi huwa siefer fuq xoghol diversi drabi, u l-kaz kien jehtieg perizja teknika sabiex isiru l-ezamijiet tal-*gunshot residue*. Jghid li r-rikorrent ma waqaf fl-ebda hin min-negozju tieghu u lanqas ma ghamel rikors sabiex jitlob li l-perizja teknika tigi spedita jew li l-espert jigi sostitwit.

*Danni morali*

18. Jghid li, stante li ma kien hemm ebda ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrent, ebda danni morali ma huma dovuti. Izda d*ato ma non*

*concesso* illi kien hemm xi ksur tad-dritt fundamentali tieghu, dikjarazzjoni ta' ksur ghandha tkun bizzejjed. Hu jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija v. Noel Arrigo** deciza fid-29 ta' Ottubru 2003.

19. Fir-risposta tieghu, ir-rikorrent wiegeb, fost affarijiet ohra, illi l-aggravji sollevati mill-Avukat Generali bl-ebda mod ma juru kif ir-rikorrent seta' kellu xi tort ghad-dewmien fil-proceduri kriminali. Id-dewmien kien kollu tort tal-prosekuzzjoni u kien manifestament esagerat u inaccettabbli. Jirrizulta mill-atti li hu kien ilmenta diversi drabi mid-dewmien u mill-pregudizzju li kien qed isofri. Il-fatt li l-guri nheles fi tlett ijiem juri kemm kien ingustifikat id-dewmien.

Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

*L-Ewwel Aggravju tal-Avukat Generali*

20. Din il-Qorti sejra tibda billi tistharreg l-ewwel aggravju mressaq mill-Avukat Generali dwar jekk jezistix tassew ksur tal-jedd tar-rikorrenti ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, tenut kont, fost affarijiet ohra, ta' tliet binarji ormai ben assodati fil-gurisprudenza patria u dik Ewropeja, ossia il-komplessita` tal-kaz, l-agir taz-zewg partijiet u "*what was at stake for the applicant in a given*

*case.*”[45]

21. Jinsab ukoll assodat il-fatt li ma tezisti ebda lista komprensiva li tista’ twassal lill-Qorti sabiex tiddikjara lezjoni tad-dritt ta’ smiegh xieraq abbazi ta’ dewmien fil-proceduri. Ghalhekk, ghalkemm il-Qorti ghandha tikkunsidra l-fatturi fuq indikati ghandu jitqies kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz in kwistjoni.

22. Jinsab ritenut illi:

> “As regards the criteria for assessing whether the General Court has observed the reasonable time principle, it must be borne in mind that the reasonableness of the period for delivering judgment is to be appraised in the light of the circumstances specific to each case, such as the complexity of the case and the conduct of the parties *(see, in particular, Der Grüne Punkt – Duales System Deutschland v Commission, paragraph 181 and the case-law cited).*
>
> “…. The Court has held in that regard that the list of relevant criteria is not exhaustive and that the assessment of the reasonableness of a period does not require a systematic examination of the circumstances of the case in the light of each of them, where the duration of the proceedings appears justified in the light of one of them. Thus, the complexity of the case or the dilatory conduct of the applicant may be deemed to justify a duration which is prima facie too long *(see, in particular, Der Grüne Punkt – Duales System Deutschland v Commission, paragraph 182 and the case-law cited).”*[46]

23. Dwar it-tifsira tal-kuncett ta’ ‘zmien ragjonevoli’, l-Qrati taghna wkoll esprimew ruhhom u sostnew illi t-terminu fih innifsu ghandu element qawwi ta’ diskrezzjonalita` li jhalli f’idejn il-gudikant jiddetermina

---

[45]ECHR, **Gordeyev v. Russia** (Application no. 40618/04) 5/02/2015
[46]Grand Chamber, **Kendrion NV v. European Commission**, 26/11/2013, C-50/12P para 96-97

jekk fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, iz-zmien perkors sakemm il-persuna allegata tkun giet gudikata, kienx ta' tul tali li jeccedi dak li hu jew ghandu jkun normalment accettabbli f'socjeta` demokratika.[47] Dan ifisser illi kull kaz ghandu jigi ezaminat fid-dawl tac-cirkostanzi specjali tieghu.[48]

24. Fil-kaz in ezami l-procedimenti kontra r-rikorrent inbdew fl-10 ta' Mejju tal-2004 u d-decizjoni tal-Qorti nghatat sitt snin wara. Ir-rikorrent gie mehlus minn kull akkuza, izda, anke b'referenza ghall-kazistika hawn fuq citata, din il-Qorti tissenjala illi l-innocenza tieghu ma tfissirx illi l-kawza kontrih kienet wahda fiergha jew vessatorja. Dan jinghad minghajr pregudizzju ghal kwalsiasi dritt ta' rivalsa li r-rikorrent jista' jkollu fil-konfront ta' terzi.[49]

25. Jirrizulta pacifiku wkoll illi il-maggor parti tad-dewmien kien dovut ghall-fatt li ghal zmien twil, l-apparat li fuqu kellhom isiru l-ezamijiet tal-*gunshot residue* ma kienx qed jahdem, filwaqt li x-xhieda instemghu minghajr dewmien u fi zmien qasir. Din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, hi tal-fehma li r-rikorrent m'ghandux jitghabba b'nuqqasijiet procedurali li hu ma kellux htija ghalihom.

---

[47]Q.Kos. Emanuela Brincat v. L-avukat Generali, 21/2/1996 [Vol.80]
[48]Q.Kos. Zakkarija Calleja v. L-Avukat Generali, 15/12/2015
[49]Jirrizulta fil-fatt illi r-rikorrent istitwixxa tali proceduri kontra terzi li qeghdin issa fi stadju ta' appell.

26. In kwantu ghad-dewmien kawzat mill-htiega ta' perizja teknika fil-kaz odjern, issir referenza ghas-sentenza **PA Joseph Gatt et v. Avukat Generali** deciza fid-29 ta' Lulju 2013[50] fejn il-Qorti sostniet illi:

> 'fl-ahhar mill-ahhar id-dmir jibqa' tal-Qorti li ma tippermetti lil hadd mill-partijiet, inkluzi d-difensuri, li jabbuzaw mill-process gudizzjarju u fl-istess waqt tizgura li l-periti gudizzjarji jaqdu dmirijiethom fi zmien ragjonevoli minghajr il-htiega li toqoghod tistenna lill-partijiet biex jattirawlha l-attenzjoni.'

27. Fl-ahharnett, dwar l-aspett tal-kumplessita`, din il-Qorti taqbel ma' dak konkluz mill-ewwel Qorti illi ma rrizultax li l-kaz kien ta' xi komplessita` oltre l-medja. Kien hemm numru zghir ta' xhieda li nstemghu f'qasir zmien, u jidher li l-provi teknici kienu dawk li jhollu u jorbtu. It-test tal-komplessita` ma jezonerax lill-istat mir-responsabbilta` ta' sitt snin proceduri, li, bil-mezzi idoneji u bi strutturi adegwati, setghu jigu determinati fi zmien ferm iqsar.

28. In kwantu d-dmir ewlieni li l-kawzi jitmexxew b'heffa u efficjenza, minkejja wkoll l-inerzja tal-partijiet u/jew tal-esperti teknici, dan jaqa' fuq il-Qorti u, ladarba hemm ukoll dmir fuq l-awtorita` pubblika li taghmel disponibbli rizorsi bizzejjed biex il-qrati jkunu jistghu jwettqu dan id-dmir taghhom, din il-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-Avukat Generali illi l-iStat ghandu jkun ezonerat minn responsabbilita' ghal dewmien ta' tant snin biex tinqata' kawza ta' komplessita` mhux aktar mill-medja.[51]

[50] Deciza fl-appell 28 ta' Frar 2014
[51] Vide App.S 30/2013 **Iris Cassar v. Avukat Generali**, deciz fis-27 Marzu 2015

29. Jibqa' l-fatt li r-rikorrent gie akkuzat bir-reat gravissimu ta' tentat omicidju volontarju, akkuza li tiddisturba psikologikament lil kwalsiasi persuna ragjonevoli, u kwindi din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti tahseb illi dewmien ta' sitt snin tassew illedew id-dritt tar-rikorrent ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli.

30. Ghaldaqstant dan l-aggravju tal-Avukat Generali qieghed ghalhekk jigi michud.

*L-ewwel aggravju tar-rikorrent*

31. Ir-rikorrent permezz tal-ewwel aggravju tieghu jilmenta illi l-ewwel Qorti ma akkordatlux kumpens dwar danni reali li huwa jallega li sofra.

32. Ir-rikorrent kien akkuzat b'tentat omicidju volontarju. Huwa ghamel hamest ijiem arrestat inkluz il-perjodu li kien qed jistenna l-guri. Ghamel zmien ta' ftit xhur, ossia minn Mejju 2004 sal-1 ta' Dicembru 2004 jiffirma kuljum l-Ghassa, sakemm imbaghad beda jiffirma darba fil-gimgha. F'Jannar 2006, inghata wkoll il-fakolta` illi jsiefer basta jinforma lill-ufficjali prosekutur.

33. Jirrizulta wkoll illi r-rikorrent huwa negozjant ta' certu grad, u

ghalkemm ma jistax jonqos illi l-proceduri kontrih effettwawh fil-qadi ta' xoghlu, b'mod partikolari fil-bidu nett,[52] jidher li n-negozju baqa' ghaddej minghajr xkiel partikolari, tant li, skont l-iskema minnuipprezentata, in-negozju kiber tul is-snin u ssarraf fi profitti akbar ghalih. Ma giex ippruvat ghalhekk illi d-dewmien fil-proceduri kriminali ssarraf f'telf finanzjarju ghan-negozju tieghu, jew li kien ikollu qliegh akbar li kieku ma kienx ghaddej mill-proceduri in kwistjoni, allegazzjoni u ipotesi li l-prova taghhom kienet tirrisjedi fuq ir-rikorrent.

34. Tenut kont ta' dan, din il-Qorti tikkonsidra t-talba ghad-danni materjali bhala mhux misthoqqa fic-cirkostanzi.

35. Ghaldaqstant dan l-aggravju qed jigi michud.

*It-tieni aggravju tar-rikorrent u t-tieni aggravju tal-intimat*

36. Permezz tat-tieni aggravju tieghu ir-rikorrent jilmenta illi danni morali fl-ammont ta' tliet elef euro akkordat mill-ewwel Qorti ma jista' qatt ikun kumpens xieraq ghal dak li ghadda minnu.

37. Min-naha tieghu l-Avukat Generali jissottometti illi f'kaz ta' sejba ta' lezjoni tad-dritt tar-rikorrent ghal smiegh xieraq, dikjarazzjoni ta'

---

[52]Dan jidher ukoll fir-rendikont guramentat ipprezentat mir-rikorrent a fol. 418.

vjolazzjoni ghandha tikkostitwixxi *just satisfaction* ghar-rikorrent.

38. Din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-intimat illi semplici dikjarazzjoni ta' ksur ghandha tkun bizzejjed, aktar u aktar fil-kuntest tal-gravita` tal-proceduri kriminali li dwarhom saret din il-kawza.

39. Ghandu jinghad ukoll illi l-problema tad-dewmien huwa wieħed sistematiku u mhux xi haga li laqtet biss lil dan il-kaz partikolari. In-nuqqas tal-iStat huwa ghalhekk aktar gravi, u jsir aktar gravi jekk, minkejja l-ħafna episodji ta' dewmien li dwarhom ingħatat kundanna minn dawn il-qrati, il-problema tibqa' ma tigix indirizzata b'mod adegwat.[53]

40. Sabiex tasal ghal ammont ta' kumpens li jkun gust u ekwu skont ic-cirkostanzi tal-kaz, il-Qorti ghandha tqis, fost affarijiet ohra, s-segwenti cirkostanzi:

"a. id-dewmien inordinatament twil u eccessiv;

"b. in-natura kriminali tal-proceduri relevanti;

"c. il-grad ta' stat ta' incertezza, frustrazzjoni, u ansjeta` li d-dewmien necessarjament iggenera persuna akkuzata;

---

[53] Q. Kos **Samuel Onyeabor v. Avukat Generali**, 14 ta' Dicembru 2015

"d. in-nuqqas tar-rikorrenti appellanti li jintraprendu xi inizjattiva biex jissolecitaw speditezza fl-andament tal-kawza taghhom;

"e. il-kontribut tar-rikorrenti appellanti ghad-dewmien tal-proceduri."

[Qorti Kostituzzjonali **Raymond Urry et v. Avukat Generali**, 27 ta' Frar 2015].

41. Tenut kont ta' dawn il-fatturi kollha u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq riportati, kif ukoll sabiex tinzamm relattivita` ma' kazijiet li jixxiebhu, din il-Qorti hija tal-fehma li kumpens ta' €3,000 moghti mill-ewwel Qorti huwa wiehed gust u ekwu u din il-Qorti ma tarax li hemm ragunijiet sufficjenti sabiex tiddisturba d-diskrezzjoni uzata mill-ewwel Qorti f'dan ir-rigward.

42 Ghaldaqstant dawn iz-zewg aggravju qed jigu michuda.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tichad l-appelli taz-zewg partijiet u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti fl-intier taghha.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu regolati skont id-decizjoni tal-ewwel Qorti, mentri l-ispejjez tal-appelli odjerni ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo | Tonio Mallia | Noel Cuschieri |
| (Agent President) | Imhallef | Imhallef |

Deputat Registratur
df